# MALTA

## ATT Nru. XVII ta' l-1996

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT sabiex jipprovdi dwar Servizz ta' Sigurta' inklużi dispożizzjonijiet għall-ħruġ ta' mandati u ta' awtorizzazzjonijiet li jagħtu lok għall-għemil ta' ċertu azzjonijiet u biex il-ħruġ ta' dawk il-mandati u awtorizzazzjonijiet jibqgħu jiġu segwiti; sabiex jistabbilixxi proċedura dwar l-investigazzjoni ta' ilmenti dwar is-Servizz ta' Sigurta' u jipprovdi għat-twaqqif ta' Kumitat ta' Sigurta' sabiex jiskrutinja dan is-Servizz; sabiex jipprojbixxi l-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet u għal għanijiet ančillari.**

## ACT No. XVII of 1996

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to make provision about the Security Service including provision for the issue of warrants and authorisations enabling certain actions to be taken and for the issue of such warrants and authorisations to be kept under review; to establish a procedure for the investigation of complaints about the Security Service and to make provision for the establishment of a Security Committee to scrutinise this Service; to prohibit the interception of communications and for connected purposes.**

Naghti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President

26 ta' Lulju, 1996

## ATT Nru. XVII ta' l-1996

*ATT sabiex jipprovdi dwar Servizz ta' Sigurtà inklużi dispożizzjonijiet għall-ħruġ ta' mandati u ta' awtorizzazzjonijiet li jagħtu lok għall-għemil ta' ċertu azzjonijiet u biex il-ħruġ ta' dawk il-mandati u awtorizzazzjonijiet jibqgħu jiġu segwiti; sabiex jistabbilixxi proċedura dwar l-investigazzjoni ta' ilmenti dwar is-Servizz ta' Sigurtà u jipprovdi għat-twaqqif ta' Kumitat ta' Sigurtà sabiex jiskrutinja dan is-Servizz, sabiex jipprojbixxi l-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet u għal għanijiet ančillari.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej: —

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1996 dwar is-Servizz tas-Sigurtà. Titolu fil-qosor, bidu fis-seħħ u limitu.

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dak il-jum li jista' jistabbilixxi l-Prim Ministru u jistgħu jiġu hekk stabbiliti ġranet differenti għal dispożizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti.

**2.** (1) F'dan l-Att — Tifsir.

"indirizz" tfisser kull indirizz postali jew ta' telekomunikazzjoni;

"interċettazzjoni", għar-rigward ta' ordni, tinkludi l-ksib, it-tfixkil, il-qirda, il-ftuħ, l-interruzzjoni, is-soppressjoni, il-waqfien, il-qbid, it-tismigħ, is-sorveljanza, ir-reġistrazzjoni, l-ikkupjar, is-smigħ ta' u li tara komunikazzjonijiet u l-ksib ta' informazzjoni minn dawk il-komunikazzjonijiet;

"jum tax-xogħol" tfisser kull jum ieħor li ma jkunx is-Sibt jew btala pubblika;

"komunikazzjoni esterna" tfisser komunikazzjoni mibgħuta jew li tiġi riċevuta barra minn Malta;

"kopja", dwar informazzjoni interċettata, tfisser xi waħda minn dan li ġej, sew f'għamla dokumentarja sew jekk f'għamla oħra —

(a) kull kopja, estratt jew sommarju ta' l-informazzjoni; u

(b) kull dokumentazzjoni dwar l-identità tal-persuni li lilhom tkun intbagħtet jew li jkunu bagħtu l-informazzjoni,

u tifsiriet relatati għandhom jinftehmu skond dan;

"il-Kummissjunarju" tfisser il-Kummissjunarju li jkollu l-kariga skond l-artikolu 12 ta' dan l-Att;

"Ministru" tfisser il-Ministru li minn żmien għal żmien jiġi speċifikat mill-Prim Ministru bħala responsabbli għas-Servizz ta' Sigurtà;

"persuna" tinkludi kull korp ġuridiku mwaqqaf b'liġi;

"postali" tinkludi kull ħaġa li fil-kuntest ta' l-Att dwar l-
Kap. 254. Uffiċċju tal-Posta tista' titwassal bil-posta kif ukoll kull ħaġa li
Kap. 50. taqa' taħt l-artikolu 21 ta' l-Att dwar is-Sigrieti Uffiċjali;

"telegrafija mingħajr fili" għandha l-istess tifsir bħalma
Kap. 49. hemm fl-Ordinanza dwar it-Telegrafija mingħajr Fili;

"telekomunikazzjoni" tfisser it-trasmissjoni ta' messaġġi jew ta' ħoss jew xbihat bil-mezz ta' fil attivat bl-elettriku jew b'*radio waves* jew b'enerġija elettromanjetika oħra jew b'enerġija optika jew b'kombinazzjoni ta' xi żewġ sistemi jew iktar bħal dawn u għandha tinkludi t-telegrafija u t-telefonija;

"uffiċjal tal-Gvern anzjan" hija referenza għal Segretarju Permanenti u għas-Segretarju tal-Kabinett.

(2) Għall-għanijiet ta' dan l-Att komunikazzjoni li tkun fil-kors tat-trasmissjoni tagħha b'mod ieħor li ma jkunx wieħed ta' sistema ta' telegrafija mingħajr fili jew ta' telekomunikazzjoni għandha titqies li tkun fil-kors tat-trasmissjoni tagħha bil-mezz ta' dik is-sistema jekk il-mod ta' trasmissjoni tagħha ikun jidentifikaha bħala komunikazzjoni li —

(a) għandha tiġi jew tkun ġiet trasmessa bil-mezz ta' dik is-sistema; u

(b) tkun intbagħtet minn, jew ikollha tintbagħat lejn, pajjiż jew territorju barra minn Malta.

(3) Għall-għanijiet ta' dan l-Att imġieba li tikkostitwixxi jew, jekk tkun saret ġewwa Malta, kienet tkun tikkostitwixxi reat wieħed jew iktar, għandha titqies bħala delitt gravi biss, u biss jekk —

(a) din tkun tinvolvi l-użu tal-vjolenza, tkun tirriżulta fi qligħ finanzjarju sostanzjali jew tkun twettqet minn għadd sostanzjali ta' persuni li jkollhom għan wieħed; jew

(b) ir-reat jew wieħed mir-reati jkunu reat li dwaru persuna li tkun għalqet it-tmintax-il sena u li ma tkun qatt qabel instabet ħatja ta' xi reat tista' jekk tinsab ħatja teħel priġunerija għal żmien minimu ta' mhux anqas minn tliet snin; jew

(ċ) ir-reat jew wieħed mir-reati li jkun delitt ikun reat li jkun ġie hekk skedat mill-Prim Ministru b'avviż fil-Gazzetta.

Is-Servizz ta' Sigurtà

**3.** (1) Għandu jkompli jkun hemm Servizz ta' Sigurtà (f'dan l-Att imsemmi "is-Servizz") taħt l-awtorità tal-Ministru.

(2) Il-funzjoni tas-Servizz tkun li dan jipproteġi s-sigurtà nazzjonali u, b'mod partikolari, kontra theddid mill-kriminalità organizzata, spjunaġġ, terroriżmu u sabutaġġ, l-attivitajiet ta' aġenti ta' potenzi barranin u kontra l-azzjonijiet maħsuba biex iwaqqgħu jew jissovvertu d-demokrazija parlamentari b'mezzi politiċi, industrijali jew vjolenti.

(3) Tkun ukoll il-funzjoni tas-Servizz li jaġixxi fl-interess —

(a) tal-benesseri ekonomiku ta' Malta; u

(b) tas-sigurtà pubblika, in partikolari, il-prevenzjoni jew kxif ta' delitti gravi.

Il-kap tas-Servizz ta' Sigurtà.

**4.** (1) L-operazzjonijiet tas-Servizz ta' Sigurtà għandu jibqa' taħt il-kontroll ta' kap tas-Servizzi li jinħatar mill-Prim Ministru.

(2) Il-kap tas-Servizz ikun responsabbli għall-effiċjenza tas-Servizz u jkollu d-dmir li jiżgura —

(a) li jkun hemm arranġamenti sabiex jiġi żgurat li ma jinkiseb ebda tagħrif mis-Servizz ħlief daqstant daqskemm ikun meħtieġ għat-twettiq sew tal-funzjonijiet tiegħu u li ma tiġi żvelata ebda informazzjoni mis-Servizz ħlief meta din tkun meħtieġa għal dak l-għan jew bil-għan li jsiru proċedimenti kriminali; u

(b) li s-Servizz ma jieħu ebda azzjoni sabiex iġib 'il quddiem l-interessi ta' xi partit politiku.

(3) L-arranġamenti msemmija fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu għandhom ikunu tali li jiżguraw li informazzjoni li tkun fil-pussess tas-Servizz ma tiġix żvelata għall-użu sabiex jiġi stabbilit jekk persuna għandhiex tiġi impjegata, jew tkompli tiġi impjegata, minn xi persuna, jew f'xi kariga jew kapaċità ħlief skond provvedimenti f'dak ir-rigward li jiġu approvati mill-Ministru.

(4) Mingħajr ebda preġudizzju għall-ġeneralità tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, il-kxif ta' informazzjoni għandu jitqies bħala meħtieġ għat-twettiq sew tal-funzjonijiet tas-Servizz meta dan ikun jikkonsisti —

Kap. 339.

(a) fil-kxif ta' kull dokumentazzjoni bl-approvazzjoni tal-Ministru u skond l-Att dwar l-Arkivji Nazzjonali; jew

(b) fil-kxif, kif suġġett għal u skond l-arranġamenti approvati mill-Ministru, ta' informazzjoni li tingħata lid-Direttur tal-Verifika personalment għall-għanijiet tal-funzjonijiet tiegħu li jkollhom x'jaqsmu mas-Servizz.

(5) Il-kap tas-Servizz ta' Sigurtà għandu jagħmel rapport ta' kull sena dwar ix-xogħol tas-Servizz lill-Prim Ministru u lill-Ministru u jista' f'kull żmien jirrapporta lil xi wieħed minnhom dwar xi ħaġa li jkollha x'taqsam max-xogħol tas-Servizz.

Membri tas-Servizz ta' Sigurtà.

**5.** Il-membri tas-Servizz għandhom jinħatru mill-kap tas-Servizz b'dawk il-patti u kondizzjonijiet li jistgħu jiġu approvati mill-Ministru u inklużi magħhom hemm:

(a) uffiċjali pubbliċi;

(b) membri ta' u persuni oħra impjegati jew maħtura fi jew għall-għanijiet tal-Forzi Armati ta' Malta;

(ċ) membri ta' u persuni oħra impjegati jew maħtura fi jew għall-għanijiet tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta kif ukoll ta' kull korp dixxiplinat ieħor ta' l-Istat;

(d) persuni li, skond l-Att dwar is-Sigrieti Uffiċjali ikunu jew: Kap. 50.

(i) membri jew impjegat ta' korp preskritt jew ta' korp ta' klassi preskritta, detenturi ta' kariga preskritta jew impjegati ta' detenturi bħal dawk; jew

(ii) kuntrattati mill-Gvern;

(e) diretturi ta' u persuni oħra impjegati jew maħtura fi jew għall-għanijiet ta':

(i) korpi imwaqqfa permezz ta' xi liġi;

(ii) kumpanniji fejn il-maġġoranza tal-ishma parteċipattivi tagħhom jkunu kontrollati mill-Gvern,

(iii) kumpanniji li jipprovdu servizzi postali, ta' telegrafija mingħajr fili jew ta' telekomunikazzjoni;

għal dak iż-żmien li hekk ikun meħtieġ mill-Ministru bil-miktub wara li ssirlu talba mill-kap tas-Servizz sabiex is-Servizz ta' Sigurtà jiġi assistit minnhom fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu.

**6.** (1) Ebda dħul fi, jew interferenza ma' proprjetà ma tkun kontra l-liġi jekk dawn ikunu awtorizzati b'mandat maħruġ mill-Ministru bis-saħħa ta' dan l-artikolu. Mandati ġenerali.

(2) Ebda interċettazzjoni ta' jew interferenza ma' komunikazzjonijiet fil-kors tat-trasmissjoni tagħhom bil-posta jew bil-mezz ta' sistema ta' telegrafija mingħajr fili jew ta' telekomunikazzjoni jew b'kull mezz ieħor ma għandu jkun kontra l-liġi jekk dan jiġi awtorizzat b'mandat maħruġ mill-Ministru bis-saħħa ta' dan l-artikolu.

(3) Il-Ministru jista', wara li ssirlu talba mis-Servizz ta' Sigurtà, joħroġ jew jibdel mandat bis-saħħa ta' dan l-artikolu li jkun jawtorizza li tittieħed kull azzjoni bħalma jkun hemm speċifikat fil-mandat dwar dik il-proprjetà li tkun hekk speċifikata jew dwar kull komunikazzjoni hekk speċifikata jekk il-Ministru —

(a) iqis bħala li jkun meħtieġ li l-azzjoni ikollha tittieħed għar-raġuni li x'aktarx tkun ta' valur sostanzjali fl-assistenza li tingħata lis-Servizz fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu skond dan l-Att; u

(b) ikun sodisfatt li dak li l-azzjoni tkun qegħda tfittex li tikseb ma jkunx jista' raġonevolment jinkiseb b'mezzi oħra; u

(ċ) ikun sodisfatt illi jkun hemm fis-seħħ arranġamenti sodisfaċenti skond dan l-Att għar-rigward tal-kxif ta' informazzjoni miksuba bis-saħħa ta' dan l-artikolu u li kull informazzjoni miksuba bis-saħħa tal-mandat tkun suġġetta għal dawk l-arranġamenti.

Mandati: interċettazzjoni.

7. (1) Bla ħsara għas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, l-interċettazzjoni jew l-interferenza ta' komunikazzjoni meħtieġa b'mandat ikunu l-interċettazzjoni ta' jew l-interferenza ma' —

(a) dawk il-komunikazzjonijiet li jintbagħtu lil jew minn indirizz wieħed jew iktar indirizzi speċifikati fil-mandat, li jkun indirizz jew indirizzi li x'aktarx jintużaw għat-trasmissjoni ta' komunikazzjonijiet, lejn jew minn —

(i) persuna partikolari waħda speċifikata jew deskritta fil-mandat; jew

(ii) grupp singolu ta' fondi partikolari li jiġu hekk speċifikati jew deskritti; u

(b) dawk il-komunikazzjonijiet l-oħra (jekk ikun hemm) li jkunu meħtieġa li wieħed jinterċetta jew jinterferixxi magħhom sabiex ikun jista' jinterċetta jew jinterferixxi ma' komunikazzjonijiet li jinsabu fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu.

(2) Is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma japplikax għal mandat jekk —

(a) l-interċettazzjoni jew interferenza meħtieġa mill-mandat tkun l-interċettazzjoni jew l-interferenza, fil-kors tat-trasmissjoni tagħhom permezz ta' sistema ta' telegrafija mingħajr fili jew ta' telekomunikazzjoni, ta' —

(i) komunikazzjonijiet esterni li jkunu deskritti fil-mandat; u

(ii) dawk il-komunikazzjonijiet l-oħra (jekk ikun hemm) li jkunu meħtieġa li wieħed jinterċetta jew jinterferixxi magħhom sabiex ikun jista' jinterċetta jew jinterferixxi ma' dawk il-komunikazzjonijiet esterni li jkunu hekk deskritti; u

(b) fiż-żmien meta jinħareġ il-mandat, il-Ministru joħroġ ċertifikat li fih jiċċertifika d-deskrizzjonijiet ta' l-informazzjoni li jkun qed iqis l-eżami tagħha bħala wieħed meħtieġ kif hemm imsemmi fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 6 ta' dan l-Att.

**8.** (1) Mandat ma għandux jinħareġ jew jiġi mibdul ħlief — Mandati: proċedura u għal kemm żmien, eċċ.

(a) bil-miktub mill-Ministru; jew

(b) f'każ urġenti meta l-Ministru ikun espressament awtorizza l-ħruġ tiegħu jew li jsir tibdil fih u dikjarazzjoni ta' dak il-fatt tiġi reġistrata fuqu, bil-miktub minn uffiċjal tal-Gvern anzjan.

(2) Kemm-il darba mandat ma jiġġeddidx skond ma hemm fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, dan għandu jtemm milli jibqa' jseħħ —

(a) jekk il-mandat kien inħareġ bil-miktub mill-Ministru, meta jintemmu sitt xhur li jkunu bdew għaddejjin fil-jum meta l-mandat ikun inħareġ; u

(b) f'kull każ ieħor, fi tmiem iż-żmien li jintemm mat-tieni jum tax-xogħol li jiġi wara dak il-jum.

(3) Mandat jista' jiġi mibdul f'kull ħin.

(4) Jekk f'xi żmien li jiġi qabel il-jum li fih mandat itemm milli jkollu seħħ il-Ministru iqis li jkun meħtieġ li l-mandat għandu jibqa' jseħħ għal dak l-għan li jkun inħareġ dwaru, il-Ministru jista' joħroġ proroga bil-miktub li fiha jġedded dak il-mandat għal żmien sitt xhur oħra li jibdew għaddejjin minn dak il-jum.

(5) Il-Ministru għandu jħassar mandat jekk huwa jkun sodisfatt li dik l-azzjoni hekk awtorizzata b'dak il-mandat ma tkunx għadha meħtieġa.

(6) Fid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu "mandat" tfisser mandat skond ma hemm fl-artikolu 6 ta' dan l-Att.

Awtorizzazzjoni li tingħata dwar atti li jsiru barra minn Malta.

**9.** (1) Jekk, ħlief għal dak li hemm f'dan l-artikolu, persuna tkun responsabbli taħt liġi eżistenti f'Malta għal att li jkun sar barra minn Malta, dik il-persuna ma tkunx hekk responsabbli jekk dak l-att ikun wieħed awtorizzat li jsir bis-saħħa ta' awtorizzazzjoni mogħtija mill-Ministru bis-saħħa ta' dan l-artikolu u jkun wieħed li l-Ministru jista' jawtorizza taħt dan l-Att jew ikun jikkonsisti fl-arrest ta' xi persuna jew ikun att magħmul fit-twettiq ta' xi wieħed minn dawk l-atti jew bl-iskop li jieħu lura proprjeta' tal-Gvern ta' Malta ta' kwalunkwe xorta biex jirritorna l-istess ġewwa Malta.

(2) Il-Ministru ma għandux jagħti jew jibdel awtorizzazzjoni skond dan l-artikolu kemm-il darba ma jkunx sodisfatt —

(a) li atti li jistgħu isiru bis-saħħa ta' l-awtorizzazzjoni jew, skond il-każ, l-operazzjoni li matulha jistgħu isiru l-atti tkun meħtieġa għat-twettiq sew ta' funzjoni tas-Servizz ta' Sigurtà; u

(b) li jkun hemm iseħħu arranġamenti sodisfaċenti sabiex jiġi żgurat li —

(i) xejn ma jkun sejjer isir bis-saħħa ta' l-awtorizzazzjoni iktar minn dak li jkun meħtieġ għat-twettiq sew ta' funzjoni tas-Servizz ta' Sigurtà; u

(ii) fil-limitu li jistgħu isiru xi atti bis-saħħa ta' l-awtorizzazzjoni, ix-xorta tagħhom u l-konsegwenzi li probabbli joħorġu minnhom ikun raġonevoli, meta wieħed iqis l-għanijiet li jridu jitwettqu għalihom; u

(ċ) li jkun hemm arranġamenti sodisfaċenti fis-seħħ skond l-att dwar il-kxif ta' informazzjoni miksuba bis-saħħa ta' dan l-artikolu u li kull informazzjoni miksuba bis-saħħa ta' xi ħaġa li ssir minħabba fl-awtorizzazzjoni tkun suġġetta għal dawk l-arranġamenti.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-setgħa li għandu l-Ministru li jagħti awtorizzazzjoni taħt dan l-artikolu, dik l-awtorizzazzjoni —

(a) tista' tirrelata għal att jew attijiet partikolari, għal attijiet ta' deskrizzjoni speċifikata fl-awtorizzazzjoni jew għal attijiet imwettqa filwaqt li tkun qegħda ssir operazzjoni hekk speċifikata;

(b) tista' tkun limitata għal persuna jew persuni partikolari ta' tali deskrizzjoni kif hekk speċifikati; u

(ċ) tista' tkun suġġetta għal kundizzjonijiet hekk speċifikati.

(4) Ma għandhiex tingħata jew tinbidel awtorizzazzjoni bis-saħħa ta' dan l-artikolu ħlief —

(a) jekk dan ma jsirx bil-miktub mill-Ministru; jew

(b) f'każ urġenti meta l-Ministru jkun espressament awtorizza l-għoti tagħha jew li jsir tibdil fiha u dikjarazzjoni ta' dak il-fatt tiġi reġistrata fuqu, bil-miktub minn uffiċjal tal-Gvern anzjan.

(5) Kemm-il darba awtorizzazzjoni ma tkunx iġġeddet skond ma hemm fis-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu, din għandha ttemm milli tibqa' sseħħ —

(a) jekk l-awtorizzazzjoni tkun ingħatat bil-miktub mill-Ministru, meta jintemmu sitt xhur li jkunu bdew għaddejjin fil-jum meta tkun ingħatat dik l-awtorizzazzjoni; u

(b) f'kull każ ieħor, fi tmiem iż-żmien li jintemm mat-tieni jum tax-xogħol li jiġi wara l-jum meta tkun ingħatat dik l-awtorizzazzjoni.

(6) Awtorizzazzjoni li tingħata bis-saħħa ta' dan l-artikolu tista' tinbidel f'kull ħin.

(7) Jekk f'xi żmien li jiġi qabel il-jum meta l-awtorizzazzjoni ttemm milli tibqa' sseħħ il-Ministru iqis li jkun meħtieġ li l-awtorizzazzjoni għandha tibqa' sseħħ għal dak l-għan li tkun ingħatat dwaru, il-Ministru jista' joħroġ proroga bil-miktub li fiha jġedded dik l-awtorizzazzjoni għal żmien sitt xhur oħra li jibdew għaddejjin minn dak il-jum.

(8) Il-Ministru għandu jħassar awtorizzazzjoni jekk huwa jkun sodisfatt li att li jkun ġie awtorizzat biha ma jkunx wieħed li jkun għadu meħtieġ.

**10.** (1) Il-ħtiġiet tal-paragrafi (ċ) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 6 ikunu sodisfatti dwar kull informazzjoni jekk kull ħaġa minn dawn li ġejjin, jiġifieri — Tuteli.

(a) kemm mill-informazzjoni tiġi żvelata;

(b) l-għadd ta' persuni li lilhom tiġi żvelata l-informazzjoni;

(ċ) kemm mill-informazzjoni tkun ġiet ikkopjata; u

(d) l-għadd ta' kopji magħmula ta' dik l-informazzjoni,

tkun limitata għall-inqas ammont jew għadd meħtieġ kif imsemmi fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 6.

(2) Il-ħtiġiet tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 6 ikunu sodisfatti dwar kull informazzjoni interċettata jekk kull kopja li ssir ta' xi parti minn dik l-informazzjoni tiġi distrutta minnufih hekk kif dik il-kopja ma tenħtieġx aktar li tibqa' tinżamm skond kif hemm fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 6 ta' dan l-Att.

Setgħat tal-Prim Ministru.

**11.** Meta l-Prim Ministru jkun jidhirlu li jkun meħtieġ li hekk jagħmel, huwa jista jwettaq kull setgħa minn dawk li għandu l-Ministru bis-saħħa ta' dan l-Att u jkun suġġett għall-istess sħarriġ dwar it-twettiq ta' dawk is-setgħat bħalma jkun japplika għat-twettiq ta' dawk is-setgħat mill-Ministru.

Il-Kummissjunarju.

**12.** (1) Il-Prim Ministru għandu jaħtar Kummissjunarju għall-għanijiet ta' dan l-Att li jkun persuna li jkollha jew kellha l-kariga ta' Mħallef tal-qrati superjuri jew li kellha l-kariga ta' Avukat Ġenerali:

Iżda jekk ma jiġix hekk maħtur Kummissjunarju mill-Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali għandu jassumi b'mod awtomatiku l-funzjonijiet ta' Kummissjunarju sa dak iż-żmien meta jinħatar Kummissjunarju kif dovut.

(2) Il-Kummissjunarju jibqa' f'dik il-kariga għal żmien skond ma jkollu stipulat fil-ħatra tiegħu u, fil-każ ta' Kummissjunarju li ma jkunx Mħallef tal-qrati superjuri attwalment fil-kariga jew l-Avukat Ġenerali, huwa għandu jingħata mill-Ministru dawk l-*allowances* li jistgħu jiġu hekk stabbiliti mill-Prim Ministru.

(3) (a) B'żieda mal-funzjonijiet lilu mogħtija bid-dispożizzjonijiet sussegwenti ta' dan l-Att, il-Kummissjunarju għandu jistħarreġ il-mod kif il-Ministru jkun qed iwettaq is-setgħat li għandu bl-artikoli minn 6 sa 10 ta' dan l-Att.

(b) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu skond dan l-Att, il-Kummissjunarju għandu jaġixxi skond il-ġudizzju individwali tiegħu u ma jkun suġġett għad-direzzjoni jew il-kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra u ma jkun sindakabbli minn ebda qorti.

(4) Ikun id-dmir ta' persuna li għaliha japplikaw id-deskrizzjonijiet li hemm fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 18 li tiżvela jew tagħti lill-Kummissjunarju dawk id-dokumenti jew dik l-informazzjoni li jista' jkun jeħtieġ bil-għan li jkun jista' jwettaq il-

funzjonijiet tiegħu.

(5) Il-Kummissjunarju jista' f'kull żmien jagħmel rapport lill-Prim Ministru dwar kull ħaġa li jkollha x'taqsam mat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu skond dan l-Att.

(6) Il-Kummissjunarju għandu jagħmel rapport annwali fuq it-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu.

(7) Il-Prim Ministru għandu jġib quddiem il-Kumitat ta' Sigurtà kopja ta' kull rapport annwali magħmul mill-Kummissjunarju skond is-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu flimkien ma' dikjarazzjoni dwar jekk tkunx ġiet imħollija barra xi ħaġa minn dik il-kopja skond ma hemm fis-subartikolu (8) ta' dan l-artikolu.

(8) Jekk il-Prim Ministru jidhirlu, wara li jikkonsulta lill-Kummissjunarju, li xi ħaġa tkun tinsab f'rapport tkun ta' preġudizzju għat-tkomplija tat-twettiq tal-funzjonijiet tas-Servizz ta' Sigurtà, il-Prim Ministru jista' jħalli barra dik il-ħaġa mill-kopja tar-rapport kif miġjub quddiem il-Kumitat ta' Sigurtà.

**13.** (1) Il-Kummissjunarju għandu wkoll jinvestiga ilmenti dwar is-Servizz ta' Sigurtà bil-mod speċifikat fl-Iskeda 1 li tinsab ma' dan l-Att. Investigazzjoni ta' ilmenti.

(2) Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjunarju skond l-Iskeda 1 li tinsab ma' dan l-Att ma għandhom ikunu appellabbli jew sindakabbli minn ebda qorti.

**14.** (1) Għandu jkun hemm kumitat, li jkun magħruf bħala l-Kumitat ta' Sigurtà, sabiex jeżamina n-nefqa, l-amministrazzjoni u politika tas-Servizz ta' Sigurtà. Il-Kumitat ta' Sigurtà.

(2) Il-Kumitat ta' Sigurtà jintgħamel mill-Prim Ministru, mill-Ministru, mill-Ministru responsabbli għall-Affarijiet Barranin u mill-Kap ta' l-Oppożizzjoni.

(3) L-Iskeda 2 ta' dan l-Att għandu jkollha seħħ għar-rigward tal-proċedura tal-Kumitat ta' Sigurtà u ta' ħwejjeġ oħra li jirrigwardjaw lill-istess Kumitat.

(4) Il-Kumitat ta' Sigurtà għandu jagħmel rapport annwali dwar it-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu.

(5) Il-Prim Ministru għandu jqiegħed quddiem il-Kamra tad-Deputati kopja ta' kull rapport annwali li l-Kumitat ta' Sigurtà jagħmel skond is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu flimkien ma' dikjarazzjoni

dwar jekk tkunx ġiet imħollija barra xi ħaġa minn dik il-kopja skond ma hemm fis-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu.

(6) Jekk il-Prim Ministru jidhirlu, wara li dan jiġi diskuss fil-Kumitat ta' Sigurtà, li l-pubblikazzjoni ta' xi ħaġa f'rapport tista' tkun ta' preġudizzju għat-tkomplija tat-twettiq tal-funzjonijiet tas-Servizz ta' Sigurtà, il-Prim Ministru jista' jħalli barra dik il-ħaġa mill-kopja tar-rapport li jitqiegħed quddiem il-Kamra tad-Deputati.

Projbizzjoni ta' interċettazzjoni.

**15.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, kull min xjentement jinterċetta jew jinterferixxi ma' komunikazzjoni matul it-trasmissjoni tagħha bil-posta jew bil-mezz ta' sistema ta' telegrafija mingħajr fili jew ta' telekomunikazzjoni jew b'kull mezz ieħor ikun ħati ta' reat u jista' jeħel meta jinsab ħati għar-rigward ta' kull reat priġunerija għal żmien mhux aktar minn sentejn jew multa ta' mhux iktar minn ħamest elef lira jew dik il-priġunerija u multa flimkien.

(2) Persuna ma tkunx ħatja ta' reat skond dan l-artikolu jekk —

(a) il-komunikazzjoni tiġi interċettata jew interferita skond mandat maħruġ mill-Ministru skond l-artikolu 6 ta' dan l-Att; jew

(b) dik il-persuna jkollha tassew għax taħseb li l-persuna li lilha, jew il-persuna li minnha, issir jew tintbagħat il-komunikazzjoni tkun tat il-kunsens tagħha għall-interċettazzjoni jew interferenza.

(3) Persuna ma tkunx ħatja ta' reat skond dan l-artikolu jekk il-komunikazjoni tiġi interċettata jew interferita għal għanijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' l-għoti ta' servizzi postali, ta' telegrafija mingħajr fili jew ta' telekomunikazzjonijiet jew bi twettiq ta' kull liġi li jkollha x'taqsam ma' l-użu ta' dawk is-servizzi.

Żvelar ta' messaggi eċċ.

**16.** (1) Persuna li tkun taħdem fl-għoti ta' servizz postali, ta' telegrafija mingħajr fili jew ta' telekomunikazzjoni li xort'oħra milli fil-kors tat-twettiq ta' dmirijietha xjentement tiżvela lil xi persuna —

(a) il-kontenut ta' xi komunikazzjoni li tkun ġiet interċettata fil-kors tat-trasmissjoni tagħha permezz ta' dak is-servizz; jew

(b) kull informazzjoni li tirrigwarda l-użu magħmul minn servizzi postali, ta' telegrafija mingħajr fili jew ta'

telekomunikazzjonijet mogħtija lil kull persuna oħra permezz ta' dak is-servizz,

tkun ħatja ta' reat.

(2) Is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma japplikax għal —

(a) żvelar li jsir bil-għan tal-prevenzjoni jew kxif ta' delitti jew għall-għanijiet ta' proċedimenti kriminali;

(b) żvelar dwar xi ħaġa li taqa' taħt il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) li ssir b'konsegwenza ta' mandat maħruġ mill-Ministru skond l-artikolu 6 ta' dan l-Att jew bi twettiq ta' ħtieġa imposta mill-Kummissjunarju skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 12 ta' dan l-Att; jew

(ċ) żvelar dwar xi ħaġa li taqa' taħt il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) li ssir fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, il-benesseri ekonomiku ta' Malta jew is-sigurtà pubblika, jew bi twettiq ta' l-ordni ta' xi qorti.

(3) Għall-għanijiet tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu ċertifikat li jinħareġ bil-firma tal-Ministru, jew ta' l-Avukat Ġenerali, li jkun jiċċertifika li tkun ġiet żvelata xi ħaġa fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, il-benesseri ekonomiku ta' Malta jew is-sigurtà pubblika, għandu jkun prova konklusiva ta' dak il-fatt; u dokument li jkun intiż bħala ċertifikat tali jkun jista' jinġieb bi prova u jitqies bħala ċertifikat tali kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja.

(4) Kull min xjentement jiżvela l-kontenut ta' xi komunikazzjoni li tkun ġiet interċettata filwaqt li tkun qegħda tiġi trasmessa bil-mezz ta' servizz tal-posta, telegrafija mingħajr fili jew telekomunikazzjoni, fejn ikun jaf jew kellu raġonevolment ikun jaf li dak il-kontenut ikun inkiseb b'mod mhux leġittimu, ikun ħati ta' reat.

(5) Min jinsab ħati ta' reat skond ma hemm f'dan l-artikolu jista' jeħel għar-rigward ta' kull reat priġunerija għal żmien mhux iktar minn sena jew multa ta' mhux iktar minn ħamest elef lira jew għal dik il-priġunerija u multa flimkien.

**17.** Ma għandha tinbeda ebda prosekuzzjoni għal reat li jkun sar kontra dan l-Att mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' l-Avukat Ġenerali. Ma jinbdew ebda proċedimenti mingħajr il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali.

**18.** (1) Fi proċedimenti li jsiru quddiem xi qorti jew tribunal, ma għandha tinġieb ebda prova u ma għandha ssir ebda mistoqsija waqt kontro-eżami li (f'kull każ) ittendi li tissuġġerixxi — Xiehda li tithalla barra.

(a) li jkun sar jew ikun ser isir reat taħt l-artikoli 15 jew 16 ta' dan l-Att minn xi persuna minn dawk imsemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu; jew

(b) li jkun inħareġ jew li jkun ser jinħareġ mandat lil xi ħadd minn dawk il-persuni:

Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha titqies li tipprekludi l-kxif, filwaqt li tingħata xiehda, ta' informazzjoni li tkun tista' tinkixef skond dan l-Att jew taħt kull dispożizzjoni oħra tiegħu.

(2) Il-persuni msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu huma —

(a) kull membru tas-Servizz ta' Sigurtà;

(b) kull uffiċjal pubbliku;

(ċ) kull persuna li hija involuta fin-negozju tal-provvediment ta' servizzi postali, ta' telegrafija mingħajr fili jew ta' telekomunikazzjonijiet;

Kap. 50. (d) kull min skond l-Att dwar is-Sigrieti Uffiċjali ikun jew:

(i) kuntrattat mill-Gvern; jew

(ii) membru jew impjegat ta' korp preskritt jew ta' korp ta' klassi preskritta, detentur ta' kariga preskritta jew impjegat ta' dak id-detentur ta' kariga.

(3) Is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma japplikax —

(a) dwar proċedimenti għal reat relevanti jew proċedimenti dwar ilmenti li jsiru quddiem il-Kummissjunarju; jew

(b) meta tinġieb prova jew il-mistoqsija waqt kontro-eżami ssir bil-għan li jiġi stabbilit kemm hu ġust jew le li ssir tkeċċija minħabba f'reat taħt l-artikolu 15 ta' dan l-Att jew minħabba f'imġieba li dak ir-reat jista' jinġibed b'konklużjoni minnha;

u l-paragrafu (a) ta' dak is-subartikolu ma jkunx japplika meta persuna tkun instabet ħatja tar-reat taħt dak l-artikolu.

(4) F'dan l-artikolu "reat relevanti" tfisser —

(a) reat taħt l-artikoli 15 u 16 ta' dan l-Att jew taħt l-artikoli 46 u 47 ta' l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta jew taħt l-artikoli 50, 51 u 55 ta' l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta; Kap. 250. Kap. 254.

(b) reat taħt l-artikolu 3 ta' l-Att dwar is-Sigrieti Uffiċjali għar-rigward ta' xi skizz, pjanta, mudell, oġġett, nota, dokument jew tagħrif li jkollu mnejn jissuġġerixxi dak li hemm imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu; Kap. 50

(ċ) reat taħt l-artikolu 9 ta' l-Att dwar is-Sigrieti Uffiċjali għar-rigward ta' tali informazzjoni, dokument jew oġġett kif hemm imsemmija fis-subartikolu (3) ta' dak l-artikolu; Kap. 50.

(d) sperġur li jsir matul proċedimenti dwar reat relevanti;

(e) dak ir-reat magħmul minn kull min jipprova jagħmel, jgħin, iħajjar, jagħti parir jew ifittex li jiġi magħmul reat li jaqa' taħt xi wieħed mill-paragrafi ta' qabel dan; u

(f) disprezz tal-qorti mwettaq fil-kors ta', jew dwar, proċedimenti għal reat relevanti.

(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ebda mandat jew ordni ma għandu jinħareġ jew isir minn xi Qorti b'mod li jkun jirrestrinġi lil xi persuna jew awtorità mit-twettiq ta' xi setgħa mogħtija b'dan l-Att.

**19.** (1) Il-Kodiċi Kriminali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' liġijiet oħra. Kap. 9.

(a) fl-artikolu 5 tiegħu:

(i) minflok il-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) tiegħu għandhom jidħlu dawn il-paragrafi li ġejjin:

"(e) kontra kull min fiż-żmien li jkun f'Malta:

(i) ikun sar ħati ta' reat imsemmi fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 87 jew fl-artikoli 198, 199, 211, 214 sa 218, 220, 249 sa 251, 311, 312, 316 jew 317 meta dan isir jew jiġi dirett fuq jew kontra l-persuna ta' persuna protetta jew bi preġudizzju jew feriment ta' dik il-persuna jew li x'aktarx jipperikola jew jikkaġuna ħsara gravi lill-proprjetà, lill-ħajja jew lis-saħħa ta' dik il-persuna, jew li jkollu x'jaqsam ma' xi attakk fuq lok relevanti jew fuq xi vettura li soltu tintuża minn persuna protetta jew meta persuna protetta tkun qegħda f'dak il-lok jew dik il-vettura; jew

(ii) ikun għamel xi għemil li kieku dan ikun sar f'Malta kien jikkostitwixxi reat u dak l-għemil kien jinvolvi l-użu ta' bomba, bomba splussiva li tintafa' bl-idejn, missila, arma tan-nar awtomatika, ittra bomba jew pakkett bomba li jipperikola lill-persuni,

minkejja li r-reati msemmija f'dan il-paragrafu jkunu saru barra minn Malta:

Iżda għall-għanijiet tas-subparagrafu (i) ta' dan il-paragrafu ma jkollu ebda importanza jekk min jikkommetti r-reat kienx jaf jew le li l-persuna kienet persuna protetta;

(f) kontra kull min:

(i) jagħmel xi reat f'xi lok jew bini barra minn Malta li jkun igawdi l-immunità diplomatika minħabba l-fatt illi jkun qed iservi bħala ambaxxata, residenza jew skop ieħor simili in konnessjoni mas-servizz diplomatiku ta' Malta; jew

(ii) jagħmel reat f'xi post barra minn Malta meta dik il-persuna tkun tgawdi mill-immunità diplomatika minħabba dak is-servizz;

(g) kontra kull min fiż-żmien li jkun f'Malta, isir awtur jew kompliċi f'xi wieħed mid-delitti msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 87, jew l-artikoli 139A jew 298, għad li d-delitti jkunu saru barra minn Malta:";u

(ii) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Għall-għanijiet tal-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu:

"persuna protetta" tfisser, dwar reat allegat, persuna minn dawn li ġejjin:

(a) persuna li fil-waqt tar-reat allegat tkun Kap ta' Stat, membru ta' korp li jwettaq il-funzjonijiet ta' Kap ta' Stat skond il-kostituzzjoni ta' dak l-Istat, Kap ta' Gvern jew Ministru għall-Affarijiet Barranin u li

tkun barra mit-territorju ta' l-Istat fejn ikollha dik il-kariga;

(b) persuna li fil-waqt tar-reat allegat tkun rappreżentant jew uffiċjal ta' xi Stat jew uffiċjal jew aġent ta' xi organizzazzjoni internazzjonali ta' xorta inter-governamentali, ikollha jedd skond id-dritt internazzjonali għal protezzjoni speċjali minn kull attakk fuq il-persuna, il-libertà jew id-dinjità tagħha u li ma tkunx tinkwadra fil-paragrafu ta' qabel;

(ċ) persuna li fil-waqt tar-reat allegat tkun membru tal-familja ta' persuna oħra msemmija f'xi wieħed mill-paragrafi ta' qabel u —

(i) jekk il-persuna l-oħra hija msemmija fil-paragrafu (a) hawn aktar qabel, tkun qegħda takkumpanjaha,

(ii) jekk il-persuna l-oħra hija msemmija fil-paragrafu (b) hawn aktar qabel, tkun membru tal-familja tagħha;

"lok relevanti" tfisser lok li fih tkun tabita jew toqgħod fih persuna protetta jew li persuna protetta tkun qegħda tuża bil-għan li twettaq il-funzjonijiet tagħha bħala tali persuna; u

"vettura" tinkludi kull mezz ta' ġarr;

u jekk tqum il-kwistjoni matul xi proċedimenti jekk persuna tkunx jew kinitx persuna protetta, ċertifikat maħruġ mill-Ministru responsabbli għall-affarijiet barranin jew taħt l-awtorità tiegħu u li jkun jiddikjara xi fatt li jkun u li jkollu x'jaqsam mal-kwistjoni, għandu jitqies bħala prova konklużiva ta' dak il-fatt.";

(b) l-artikolu 87 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) l-artikolu preżenti għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu; u

(ii) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jidħol is-subartikolu li ġej:

tkun barra mit-territorju ta' l-Istat fejn ikollha dik il-kariga;

(b) persuna li fil-waqt tar-reat allegat tkun rappreżentant jew uffiċjal ta' xi Stat jew uffiċjal jew aġent ta' xi organizzazzjoni internazzjonali ta' xorta inter-governamentali, ikollha jedd skond id-dritt internazzjonali għal protezzjoni speċjali minn kull attakk fuq il-persuna, il-libertà jew id-dinjità tagħha u li ma tkunx tinkwadra fil-paragrafu ta' qabel;

(ċ) persuna li fil-waqt tar-reat allegat tkun membru tal-familja ta' persuna oħra msemmija f'xi wieħed mill-paragrafi ta' qabel u —

(i) jekk il-persuna l-oħra hija msemmija fil-paragrafu (a) hawn aktar qabel, tkun qegħda takkumpanjaha,

(ii) jekk il-persuna l-oħra hija msemmija fil-paragrafu (b) hawn aktar qabel, tkun membru tal-familja tagħha;

"lok relevanti" tfisser lok li fih tkun tabita jew toqgħod fih persuna protetta jew li persuna protetta tkun qegħda tuża bil-għan li twettaq il-funzjonijiet tagħha bħala tali persuna; u

"vettura" tinkludi kull mezz ta' ġarr;

u jekk tqum il-kwistjoni matul xi proċedimenti jekk persuna tkunx jew kinitx persuna protetta, ċertifikat maħruġ mill-Ministru responsabbli għall-affarijiet barranin jew taħt l-awtorità tiegħu u li jkun jiddikjara xi fatt li jkun u li jkollu x'jaqsam mal-kwistjoni, għandu jitqies bħala prova konklużiva ta' dak il-fatt.";

(b) l-artikolu 87 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) l-artikolu preżenti għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu; u

(ii) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jidħol is-subartikolu li ġej:

"(2) Fejn persuna jagħmel ir-reat imsemmi fl-artikolu li jiġi minnufih qabel dan, jedded li joqtol, li jagħmel offiża fuq il-persuna jew li jkompli jżomm lil xi persuna oħra sabiex iġiegħel lil xi stat, organizzazzjoni governamentali internazzjonali jew persuna li tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi għemil, jeħel, meta jinstab ħati, priġunerija għal għomru."; u

(ċ) l-artikoli 146 sa 149 u 258 sa 260 tal-Kodiċi għandhom jitħassru.

Kap. 250.

(2) L-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih fi tmiem l-artikolu 40 tiegħu għandu jiżdied dan il-proviso li ġej: "Iżda ma jistgħux jingħataw dawk l-eżenzjonijiet mid-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 45, 46 u 47 ta' dan l-Att."; u

(b) fl-artikolu 45 tiegħu, minflok il-kliem "u ma għandha tagħti ebda tagħrif" għandhom jidħlu l-kliem "u ma għandha tagħti ħlief għall-għan li twettaq dmirijietha fil-Korporazzjoni ebda tagħrif".

Kap. 276.

(3) Minnufih wara l-artikolu 30 ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Reati ta' estradizzjoni speċjali.
Kap. 9.

31. (1) Ir-reat msemmija fil-paragrafi (e) u (g) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 tal-Kodiċi Kriminali għandhom jitqiesu li ġew inklużi bħala reati ta' estradizzjoni fit-trattati ta' estradizzjoni kollha magħmulin minn Malta (jew li japplikaw għal Malta) ma' pajjiżi mseħbin fil-Konvenzjonijiet u li jestendu għal, u jorbtu lil, Malta fid-data tal-bidu fis-seħħ ta' l-Att ta' l-1996 dwar Servizz ta' Sigurtà.

(2) Meta dan l-Att ma jkunx japplika fil-każ ta' xi Stat li jkun parti fil-Konvenzjoni dwar Persuni Protetti Internazzjonalment u fil-Konvenzjoni dwar it-Teħid ta' Ostaġġi, il-Ministru jista' b'ordni magħmul bis-saħħa ta' l-artikoli 4 u 7 ta' dan l-Att, jispeċifika dak il-pajjiż bħala pajjiż tal-*Commonwealth* skond l-imsemmi artikolu 4 jew bħala pajjiż barrani skond l-artikolu 7, skond il-każ, u dak l-ordni għandu għall-għanijiet ta' l-imsemmi artikolu 7, jitqies li jkun arranġament kif inhu msemmi f'dak l-artikolu.

(3) Meta dan l-Att ikun japplika għal xi stat bis-saħħa biss ta' xi ordni magħmul skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, ebda applikazzjoni għal estradizzjoni minn dak l-istat ma għandu jkollha x'taqsam ma' xi reat ta' estradizzjoni fil-kuntest tat-tifsir mogħti f'dan l-Att ħlief għal reati li jitqiesu li huma inklużi fil-lista ta' reati ta' estradizzjoni li jirriżultaw mis-subartikolu (1).

(4) Għall-għanijiet ta' dan l-Att, kull għemil, isir fejn isir, li jkun reat imsemmi taħt dan l-Att u reat kontra l-liġi ta' stat f'liema każ dan l-Att ikun japplika b'ordni magħmul bis-saħħa tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, għandu jitqies li jkun reat li jsir fil-limiti tal-ġurisdizzjoni ta' dak l-istat.

(5) F'dan l-artikolu:

"pajjiżi msieħbin fil-Konvenzjonijiet" tfisser dawk il-pajjiżi li huma partijiet kontraenti fil-Konvenzjoni dwar is-Soppressjoni tat-Terroriżmu, fil-Konvenzjoni dwar Persuni Protetti Internazzjonalment, u fil-Konvenzjoni dwar it-Teħid ta' Ostaġġi;

"Konvenzjoni dwar Persuni Protetti Internazzjonalment" tfisser il-konvenzjoni magħrufa bħala *Convention on the Prevention and Punishment of Crimes against Internationally Protected Persons* adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-1973;

"Konvenzjoni dwar is-Soppressjoni tat-Terroriżmu" tfisser il-konvenzjoni magħrufa bħala *European Convention on the Suppression of Terrorism* magħmula fi Strasbourg fis-27 ta' Jannar, 1977;

"Konvenzjoni dwar it-Teħid ta' Ostaġġi" tfisser il-konvenzjoni magħrufa bħala *International Convention against the Taking of Hostages* li bdiet tiġi ffirmata fi New York fit-18 ta' Diċembru, 1979.".

# SKEDI

## SKEDA 1

Artikolu 13

### INVESTIGAZZJONI TA' ILMENTI

*Preliminari*

1. Kull min iħoss ruħu aggravat b'xi għemil li jaħseb li s-Servizz ta' Sigurtà jkun għamel għar-rigward tiegħu jew ta' xi proprjetà tiegħu jista' jressaq ilment quddiem il-Kummissjunarju; u kemm-il darba l-Kummissjunarju ma jqisx li dak l-ilment ikun wieħed frivolu jew vessatorju, huwa għandu jagħmel minnu skond ma jinsab f'din l-Iskeda.

*Investigazzjonijiet mill-Kummissjunarju*

2. Il-Kummissjunarju għandu jinvestiga —

(a) jekk is-Servizz ta' Sigurtà jkunx kiseb jew ipprovda informazzjoni jew wettaq xi attivitajiet oħra għar-rigward ta' l-azzjonijiet jew intenzjonijiet ta' min ikun ressaq l-ilment; u

(b) jekk dan ikun ġara, jekk is-Servizz ta' Sigurtà kellux raġunijiet suffiċjenti li jaġixxi bil-mod li jkun aġixxa bih.

*Funzjonijiet tal-Kummissjunarju dwar l-ilmenti li jsirulu*

3. (1) Il-Kummissjunarju għandu jinvestiga, skond ma jkun jeħtieġ il-każ —

(a) jekk mandat ikunx inħareġ taħt l-artikolu 6 ta' dan l-Att għar-rigward tal-proprjetà jew tal-komunikazzjonijiet relattivi; jew

(b) jekk tkunx ingħatat awtorizzazzjoni taħt l-artikolu 9 ta' dan l-Att sabiex dak l-att ikun jista' jsir.

(2) Meta l-Kummissjunarju jirriżultalu li jkun inħareġ mandat jew tkun ingħatat awtorizzazzjoni, huwa għandu jistabbilixxi jekk il-Ministru kienx qiegħed jaġixxi sew fil-ħruġ jew fit-tiġdid tal-mandat jew, skond il-każ, fl-għoti jew fit-tiġdid ta' l-awtorizzazzjoni.

*Rapport dwar il-konklużjonijiet*

4. (1) Meta l-Kummissjunarju jistabbilixxi skond il-paragrafi 2 u 3 ta' din l-Iskeda li s-Servizz ta' Sigurtà jew il-Ministru ma kellhomx raġunijiet suffiċjenti li jaġixxu bil-mod li jkunu aġixxew bih, huwa għandu —

(a) javża lil min jagħmel l-ilment li kellu riżultanzi favur tiegħu; u

(b) jagħmel rapport dwar ir-riżultanzi tiegħu lill-Prim Ministru.

(2) Meta fil-każ ta' xi ilment il-Kummissjunarju ma jistabbilixxi xejn skond ma hemm imsemmi fis-subparagrafu (1) ta' dan il-paragrafu, huwa għandu javża lil min jagħmel l-ilment li ma jkun stabbilixxa xejn favur tiegħu fuq l-ilment tiegħu.

*Referenzi speċjali*

5. Jekk f'xi każ li jiġi investigat mill-Kummissjunarju —

(a) il-konklużjonijiet tiegħu fuq dawk is-suġġetti li huwa jkun meħtieġ li jinvestiga ikun tali li huwa ma jkun jista' jistabbilixxi xejn favur min jagħmel l-ilment; iżda

(b) ikun jidhirlu mill-allegazzjonijiet magħmulin minn min ikun għamel l-ilment li jkun xieraq li ssir investigazzjoni dwar jekk is-Servizz ta' Sigurtà ikunx b'xi mod ieħor aġixxa b'mod mhux raġonevoli għar-rigward ta' min ikun għamel l-ilment jew il-proprjetà tiegħu,

huwa għandu jgħaddi biex jagħmel dik l-investigazzjoni u wara jagħmel rapport lill-Prim Ministru.

*Rimedji*

6. (1) Meta l-Kummissjunarju jagħti avviż lil min jagħmel l-ilment dwar dak li jkun stabbilixxa kif hemm fis-subparagrafu (1) tal-paragrafu 4 ta' din l-Iskeda, il-Kummissjunarju jista' jagħmel xi jew kull waħda minn dawn l-affarijiet li ġejjin, jiġifieri —

(a) jordna li l-ksib u l-għoti ta' informazzjoni dwar min iressaq l-ilment jew, skond il-każ, it-tmexxija ta' attivitajiet oħra fir-rigward tiegħu jew ta' kull proprjetà tiegħu għandhom jintemmu u li kull dokumentazzjoni li tirrigwarda dik l-informazzjoni li tkun ġiet hekk miksuba jew mogħtija jew kull attività oħra bħal dik għandha tinqered;

(b) jirrevoka kull mandat jew awtorizzazzjoni li l-Kummissjunarju jirriżultalu li jkunu inħarġu, iġġeddu, ingħataw jew ġew modifikati b'mod mhux sew u li huwa jqis li għandhom jitneħħew;

(ċ) jirrakkomanda lill-Prim Ministru li min ikun ressaq l-ilment għandu jingħata dak l-ammont b'kumpens li huwa jista' jistabbilixxi.

(2) Meta il-Prim Ministru jirċievi rapport skond il-paragrafu 5 ta' din l-Iskeda, huwa jista' jieħu kull azzjoni fid-dawl ta' dak ir-rapport kif ikun jidhirlu li jkun xieraq, inkluża kull azzjoni li l-Kummissjunarju għandu setgħa li jieħu jew li jordna bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan il-paragrafu.

*Proċedura*

7. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu (2) tal-paragrafu 8 ta' din l-Iskeda, il-Kummissjunarju għandu jwettaq il-funzjonijiet tiegħu skond l-Att b'dak il-mod li jkun jiżgura li ebda dokument jew informazzjoni lilu żvelati jew mogħtija minn xi persuna ma għandhom jiġu żvelati mingħajr il-kunsens ta' dik il-persuna lill-persuna li tkun ressqet l-ilment, jew lil xi persuna oħra; u għalhekk il-Kummissjunarju ma għandu jagħti, ħlief fir-rapporti li jsiru skond l-inċiż (b) tas-subparagrafu (1) tal-paragrafu 4 ta' din l-Iskeda, ebda raġuni għal dak li jkun stabbilixxa meta d-deċiżjoni tiġi notifikata lil min ikun għamel l-ilment.

(2) Bla ħsara għas-subparagrafu (1) ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjunarju jista' jistabbilixxi l-proċeduri li għandu juża.

*Persunal u nfieq*

8. (1) Il-Prim Ministru jista', wara li jikkonsulta lill-Ministru responsabbli għall-finanzi, jipprovdi lill-Kummissjunarju b'dak il-persunal u għandu joħroġ dak l-infieq li jqis li jkun meħtieġ għat-twettiq sew tal-funzjonijiet tal-Kummissjunarju skond dan l-Att.

(2) Il-Kummissjunarju jista' jawtorizza lil kull membru tal-persunal provdut skond is-subparagrafu (1) ta' dan il-paragrafu li jikseb kull dokument jew informazzjoni f'ismu.

*Referenzi*

9. Kull referenza f'din l-Iskeda għall-proprjetà ta' min jagħmel l-ilment tinkludi —

(a) referenza għal kull komunikazzjoni li tkun oriġinat jew inkisbet jew li tkun maħsuba li tinkiseb minnu; u

(b) referenza għal kull post fejn min jagħmel l-ilment ikun joqgħod jew jaħdem.

*Supplimentari*

10. Dawk il-persuni li jistgħu iressqu ilment quddiem il-Kummissjunarju skond ma hemm f'din l-Iskeda jinkludu kull organizzazzjoni u assoċjazzjoni jew għaqdiet ta' persuni.

*Transitorja*

11. Kull min iħoss ruħu aggravat b'xi għemil li jaħseb li s-Servizz ta' Sigurtà jkun għamel fir-rigward tiegħu jew ta' xi proprjetà tiegħu qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att għandu jressaq ilment quddiem il-Kummissjunarju fi żmien sitt xhur wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att u l-Kummissjunarju jista', kemm-il darba ma jqisx l-ilment bħala wieħed frivolu jew vessatorju, jikkonċedi kull rimedju skond ma hemm fil-paragrafu 6 ta' din l-Iskeda bħallikieku dak l-għemil ikun sar mis-Servizz tas-Sigurtà wara li jkun inħareġ ordni mill-Ministru bis-saħħa ta' dan l-Att.

SKEDA 2

Artikolu 14(3)

IL-KUMITAT TA' SIGURTÀ

*Proċedura*

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' din l-Iskeda, il-Kumitat jista' jistabbilixxi l-proċedura tiegħu stess.

2. (1) Il-Prim Ministru jippresjedi l-Kumitat.

(2) Jekk ikun hemm dwar xi kwistjoni voti ndaqs fost il-membri tal-Kumitat, il-president ikollu vot ieħor deċiżiv.

(3) Il-president jista' jaħtar lil wieħed mill-membri tal-Kunitat biex meta huwa jkun assenti jagħmilha ta' president minfloku f'laqgħa tal-Kumitat.

(4) Il-*quorum* tal-Kumitat ikun ta' żewġ membri.

*Ksib ta' informazzjoni*

3. (1) Jekk il-kap tas-Servizz ta' Sigurtà jintalab mill-Kumitat sabiex jiżvela xi informazzjoni, allura, dwar dik l-informazzjoni kollha jew parti minnha, huwa għandu jew —

(a) jara kif iwassalha lill-Kumitat ta' Sigurtà bla ħsara ta' u skond dawk l-arranġamenti li jiġu hekk approvati mill-Prim Ministru; jew

(b) jgħarraf lill-Kumitat li dik l-informazzjoni ma tkunx tista' tiġi żvelata jew —

(i) għaliex tkun informazzjoni sensittiva (kif imfissra fil-paragrafu 4 ta' din l-Iskeda) li, fil-fehma tiegħu, ma għandhiex tingħata skond l-inċiż (a) ta' qabel dan; jew

(ii) għaliex il-Prim Ministru ikun stabbilixxa li dik l-informazzjoni ma għandhiex tiġi żvelata.

(2) Il-fatt li xi informazzjoni partikolari tkun informazzjoni sensittiva ma għandux iwaqqaf l-iżvelar tagħha skond l-inċiż (a) tas-subparagrafu (1) ta' dan il-paragrafu jekk il-kap tas-Servizz ta' Sigurtà iqis li ma jkunx hemm periklu jekk jiżvelaha.

(3) Dik l-informazzjoni li ma tkunx ġiet hekk żvelata lill-Kumitat ta' Sigurtà minħabba fir-raġuni speċifikata fis-subinċiż (i) tal-inċiż (b) tas-subparagrafu

(1) ta' dan il-paragrafu għandha tiġi żvelata lil dak il-Kumitat jekk il-Prim Ministru ikun tal-fehma li jkun fl-interess pubbliku li dan isir.

(4) Il-Prim Ministru ma għandu jiddetermina xejn skond is-subinċiż (ii) ta' l-inċiż (b) tas-subparagrafu (1) ta' dan il-paragrafu dwar dik l-informazzjoni fuq il-bażi tas-sigurtà nazzjonali biss u, bla ħsara għal dak, huwa ma għandux hekk jiddetermina kemm-il darba ma jkunx jidhirlu li l-informazzjoni tkun ta' natura li, li kieku kellhom jitolbuh iġibha quddiem Kumitat Magħżul tal-Kamra tad-Deputati, kien jikkonsidra li tkun ħaġa sew li ma jġibhiex.

(5) L-iżvelar ta' informazzjoni fil-Kumitat ta' Sigurtà skond id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan il-paragrafu għandu jitqies għall-għanijiet ta' dan l-Att bħala meħtieġ għat-twettiq sew tal-funzjonijiet tas-Servizz ta' Sigurtà.

*Informazzjoni sensittiva*

4. Din l-informazzjoni hija informazzjoni sensittiva għall-għanijiet tal-paragrafu 3 ta' din l-Iskeda —

(a) informazzjoni li tista' twassal għall-identifikazzjoni ta', jew li tipprovdi dettalji ta', għejjun ta' informazzjoni, għajnuna oħra jew metodi operattivi li s-Servizz ta' Sigurtà ikollu;

(b) informazzjoni dwar xi operazzjonijiet partikolari li jkunu saru, jew qegħdin isiru, jew qed jiġu proposti li jsiru bi twettiq ta' xi waħda mill-funzjonijiet tas-Servizz ta' Sigurtà; u

(ċ) informazzjoni provduta minn Gvern barrani, jew minn aġenzija ta' Gvern barrani, meta dak il-Gvern ma jkunx ta l-kunsens tiegħu għall-iżvelar ta' dik l-informazzjoni.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 565 tat-Tlieta, 16 ta' Lulju, 1996.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.*